MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' April, 2006

Numru 316/2006

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Antoine Zammit, iben Vincent,
imwieled Pieta' fit-13 ta'
ġun ju, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 ta' marzu, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, fil-ħanut 'Antoine's DVD Rentals' fi triq Ġużeppi Callus, Mosta, xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanżija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' 550 optical

diskettes konsistenti f'DVDs, Playstation software u audio CD;
2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa mmanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta''Malta jew taħtha;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew għat-tqassim, jew għal wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, u cioe' fil-fond 'Antoine's DVD Rentals' fi Triq Ġużeppi Callus, Mosta, immanifattura, stampa jew xort'oħra għamel jew daħħal f'Malta, jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, tpinġija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografika jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-moħbi.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' april, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 208(1)(2), 298(1)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mittlira maltin (Lm100). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------